# AĦLEF U GĦID IS-SEWWA

Wasal il-jum li Dolor kellha titla' tixhed fuq xi tiġieġ li naqsu mill-ġardina tas-sur Piet xi xahar qabel. Tefgħet fuqha dak li kellha merfugħ għal xi għors u ma' erbgħa mill-ġirien telqet kmieni lejn il-Belt biex fid-disgħa tkun il-qorti. Xtraw tużżana pastizzi malli waslu Puturjal u qabel id-disgħa daħlu l-Kistlanija.

Ġieżu x'rassa u x'agħa ta' nies f'dawk il-kmamar mudlama! Dolor rasha bdiet iddur biha, min ħiereġ, min dieħel, min jitmasħan b'idejh fl-ajru, min b'idejh fil-bwiet jaqra l-karti mwaħħla mal-ħajt, min idaħħan, min isaffar, min jidħak, min igerger. Dolor sabet ruħha fil-kurrent tan-nies, iċ-ċulqana mmejla fuq rasha donnha lozzu b'nofs qalagħ f'baħar qawwi.

Deħlin bla ma jafu fejn, irossu u jrossuhom. Xorti li minsub ħdejn bieb fuq ix-xellug, lemħu lil Pawlu l-kuntistabbli tar-raħal u waqfu dlonk quddiemu bla nifs ingħaqdu qaqoċċa jistennew min jagħtihom xi ħiel x'għandhom jagħmlu u ma' min għandhom jitkellmu.

Pawlu qallhom jistennew sa ma jgħajtulhom, u stenna u ġib lil min jistenna għaddiet mas-siegħa.

Fl-aħħar ħareġ minn bieb Surġent b'karta f'idu u għajjat: "Dolores Kasha, Dolores Kasha, Dolores Kasha".

—"Lilek Dolor," qalulha, għax ma kinetx fehmet li għajtu isimha. Bejn li mbuttawha u bejn Pawlu ġibidha minn driegħha sabet ruħha fis-sala fejn kellha tixhed.

Dis-sala kienet fgata bin-nies ukoll, bilqegħda fin-nofs u mal-ħitan, ġo speċi ta' rixtellu twil rat lil Nazju l-Ġirbi wieqaf waħdu b'idejh marbuta donnu f'xi knisja. Quddiemu mejda kbira ma' dwarha nies bil-qegħda, fuq ix-xellug l-ispettur tar-raħal u s-surġent iqallbu l-karti. Ftit ogħla minn kullħadd, mibruk fuq siġġu kbir f'nofs bradella, bħal dik li jarmaw fil-knisja għall-eserċizzi fir-Randan, il-Maġistrat, b'nuċċali daqshiex bix-xifer iswed, kien donnu kokka rieqda.

Is-surġent tellagħha f'gallarija dejqa quddiem l-ispettur. Raġel qasir liebes l-iswed qam minn quddiem mejda u ressaq lejn xuftejha salib tal-bronż ċkejken u qallha: "Aħlef u għid is-sewwa, is-sewwa kollu, u xejn anqas mis-sewwa, biex Alla jgħinek," u raġa' qagħad bil-qegħda.

Dolor kien ħsiebha f'Nazju li kien qiegħed iħares biċ-ċiera lejha.

Il-Maġistrat qallha: "Ħares lejja tridx. X'jismek?"

Dolor, wieġbet.

—Kunjomok?

—Kasha.

—X'taf?

—Jien ma naf xejn.

—Mela għal fejn ġejt?

—Ġejt għax ġibuni, kieku għadni r-raħal.

—Dolor, qabeż l-ispettur, lil Nazju li hemm fin-nofs tafu?

—Nafu ngħid. Ommu parrinti u hu joqgħod ħdejna, bieb ma' bieb.

—X'taf fuq dak li ġralu?

—Hu ġralu xi ħaġa? ma smajtx.

—X'taf fuqu mela?

—Jien qatt ma rajt għajn ħażina minnu.

—Ma tafx li naqsu xi tiġieġ minn għand is-sur Piet u mbagħad sabuhom għand Nazju?

—Smajt xi ħaġa, imma jien ma rajtu jisraq xejn.

—Ma rajtux għodwa waħda sejjer id-dar bi xkora fuq spaltu?

—Darba kont ġejja mill-quddiesa tal-*aurora* u ħdejn il-ġardina tas-sur Piet ilmaħt lil Nazju bi xkora fuq spaltu.

—Intbaħt x'kellu fl-ixkora?

—Xkora magħluqa kif taf x'fiha? Jien mjenix saħħara.

—Xi staħajjilt li kien fiha, pastard, tqieq, ħaġar, jew xi ħaġa ħajja?

—Xi ħaġa titħarrek, imma x'kienet ma nafx.

—Int għedt xi ħaġa fuq Nazju lil Mari ta' Lewżu?

—Ma niftakarx, jista' jkun li għedtilha xi ħaġa.

—Ftakar li ħlift li tgħid is-sewwa, ara mela li tiftakar x'għedtilha.

—Jaħasra rasi ma ttinix, ma niftakarx.

Hawn indaħal il-maġistrat—"Sejjer nibgħatek isfel ħalli tiftakar"

—Jaqaw qaltilkom xi ħaġa dik il-lablaba ta' Marì ta' Lewżu?

—M'hux affarik. Għid lill-maġistrat x'għedtilha.

—Milli nara Marì telqet ilsienha. Taf x'għidtilha lil Marì m'ilux bejni u bejnha: "Tgħid Nazju ħadhom it-tiġieġ? għodwa waħda ltqajt miegħu fis-sebħ bi xkora fuq spaltu ħdejn il-ġardina tas-sur Piet u ġera lejn daru. Imma Nazju m'hux ta' dan."

—Rajt kif fl-aħħar ftakart, qallha l-Maġistrat. Ħa' naqralek x'għedt u wara tista' tmur.

Malli ħarġet lemħet dieħla lil Marì ta' Lewżu u li ma resaqx quddiemhom Pawlu l-kuntistabbli kienet tħebb għaliha. Idejha f'wiċċ dawk li ġew magħha, Dolor, ħamra daqs il-qroll, għarqana, imbgħerna, infexxet tibki... Dik il-misħuta ta' Marì,

dik il-lablaba, dik is-sensa fidi... miegħi għandha tagħmilha, ma nistrieħx qabel ma noħdilha l-ġewża ta' għonqha... Ħalli toħroġ.

Pawlu li xamm x'inhu ġej, sejjaħ lil sieħbu u qallu biex jieħu lil Dolor, qajla qajla, il-barra u jitlaqha għand xbintha bil-ħanut it-triq id-dejqa.

Mita raġgħet għar-raħal, l-ewwel ma għamlet newwlet ħartuma lil Marì ta' Lewżu, talli tenniet dak li kienet semgħet minn għandha. Qajmet storbju li ma bħalu u nies Marì ma ħallewhilhiex ħelwa għall-melħ. Il-għali ta' Dolor kien l-aktar li għad li ħalfet li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn anqas mis-sewwa, ma kellhiex il-ħila tgħallat lill-maġistrat.

Toni s-sigristan ma bagħat igħidhielha ma' ħadd, għax wiċċ imb'wiċċ qallha li kienet ħalfet fil-falz il-qorti għax fittxet tgħattilu xturu lil Nazju.

—Dak għax jien tar-ruħ, qalet, ommi kienet dejjem tgħid : "nistrok biex tistorni sa ma tiġi l-mewt tiġborni," u jien fejn nista' nistor, nistor.

—Sbejħa din, qal Toni, lil Nazju kont tistru kieku ma sefsiftx xejn lil Marì u ma għedtilhiex dak li ħadd ma kieu jaf ħliefek. Wara li bist is-salib, ma kienx hemm x'tistor aktar, dmirek kien biss li tgħid kull ma taf fuq li ġara.

—Ħallini minnek, qalet Dolor li ma sabetx xi tgħid... lilek min daħħlek f'di l-biċċa; aħjar tmur tixgħel xi lampier...

—Sewwa għidt, binti, nies bħalek aqta' biċċa minn dejlek u erħilhom. Saħħa; għax int kien jistħoqqlok qegħda Kordin tfettaħ l-istoppa. U faqqa' daħka u dawwrilha dahru.

Dolor, fgata f'demmha, telqet lejn darha, imma man-nies baqgħet tgħid li f'għomorha qatt ma qalet kelma b'oħra.

Jaħasra għaliha u għal min jaħseb bħalha, għax hawn ħafna li għalihom q'ed igħidu s-sewwa mita jixhdu, mita jkunu jgħidu kliem li jfisser ħaġ'oħra. Alla jkollu ħniena minnhom lil dannies.

T. Z.